**Talbiet tar-rikorrenti**

— Prinċipalment:

tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4255 finali, tad-29 ta' Ġunju 2010, dwar l-applikazzjoni ta' korrezzjonijiet finanzjarji fl-għajnuna tal-FAEGG, Taqsima "Gwida", mogħtija fil-programm operattiv CCI 1999.PT.06.1.PO.007 (Il-Portugall — programm nazzjonali, Objettiv 1) fir-rigward tal-miżura "Investimenti fl-impriżi agrikoli" li naqset b'EUR 16 411 829,46 il-kontribuzzjoni tal-FAEGG — Gwida fl-ispejjeż mogħtija taħt id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2000) 2878, tat-30 ta' Ottubru 2000, fl-ambitu tal-programm ta' għajnuna CCI 1999.PT.06.1.PO.007 (Il-Portugall — programm nazzjonali, Objettiv 1); u

— Sussidjarjament

(1) tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4255 finali, tad-29 ta' Ġunju 2010, sa fejn taffettwa l-finanzjament Komunitarju tal-infiq tar-Repubblika Portugiża fir-rigward tal-benefiċjarji magħżula bejn it-28 ta' Ottubru 2003 u Novembru 2006, li tammonta għal EUR 194 347 574,29;

(2) tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2010) 4255 finali, tad-29 ta' Ġunju 2010, sa fejn taffettwa l-finanzjament Komunitarju tal-infiq tar-Repubblika Portugiża fir-rigward tal-benefiċjarji magħżula għall-"investimenti fl-impriżi agrikoli" assoċjati mal-għajnuna mogħtija lil bdiewa żgħażagħ, li tammonta għal EUR 94 621 812,06.

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin:

(a) ksur tal-Artikolu 250 TFUE u nuqqas ta' kompetenza;

(b) ksur tal-Artikolu 39(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/99, tal-21 ta' Ġunju 1999 ([1]);

(c) applikazzjoni retroattiva tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 12578/99, tas-17 ta' Mejju 1999 ([2]);

(d) ksur tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2002, tas-26 ta' Frar 2002 ([3]);

(e) ksur tal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 438/2001, tat-2 ta' Marzu 2001 ([4]);

(f) ksur tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1257/99;

(g) ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza;

(h) ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza u tal-aspettattivi leġittimi u żball fir-rigward tal-konsegwenzi finanzjarji li għandhom jinsiltu mill-ksur tar-regoli Komunitarji;

(i) ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

---

([1]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999, tal-21 ta' Ġunju 1999, li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 14, Vol. 1, p. 31).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999, tas-17 ta' Mejju 1999, dwar is-sostenn għal żvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u Garanzija (FAEGG) u jemenda u jħassar ċerti Regolamenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 3, Vol. 25, p. 391).

([3]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 445/2002, tas-26 ta' Frar 2002, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/1999 dwar l-għajnuna għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 3, Vol. 35, p. 269)

([4]) Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 438/2001, tat-2 ta' Marzu 2001, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għal għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 14, Vol. 1, p. 132)

---

## Appell ippreżentat fil-25 ta' Awwissu 2010 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-15 ta' Ġunju 2010 fil-kawża F-35/08

**(Kawża T-361/10 P)**

(2010/C 301/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

**Partijiet**

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentant: J. Currall et I. Chatzigiannis)

*Appellat:* Dimitrios Pachtitis (Ateni, il-Greċja) sostnut mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-15 ta' Ġunju 2010 fil-kawża F-35/08, Pachtitis vs Il-Kummissjoni;

— tirrinvija l-kawża lit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sabiex jiġu eżaminati l-motivi ta' annullament l-oħra;

— tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż tal-appell u tal-ewwel istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Permezz ta' dan l-appell, l-appellanti titlob l-annullament tas-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-15 ta' Ġunju 2010 fil-kawża F-35/08, Pachtitis vs Il-Kummissjoni li annullat d-deċiżjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) tal-31 ta' Mejju 2007 u tas-6 ta' Diċembru 2007, li permezz tagħhom D. Pachtitis ġie eskluż mill-lista ta' 110 kandidat meta kien ingħata l-ogħla marka fl-eżamijiet ta' ammissjoni tal-kompetizzjoni ġenerali EPSO/AD/77/06, u li kkundannat il-Kummissjoni għall-ispejjeż tagħha u għal dawk tar-rikorrent fl-ewwel istanza.

Insostenn tal-appell tagħha, il-Kummissjoni tqajjem il-motivi ta' annullament li ġejjin:

— ksur tal-Artikoli 1, 5 u 7 tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej;

— ksur tad-dritt Komunitarju u b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/620/KE ([1]) u tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2002/621/KE ([2]) dwar l-istabbiliment tal-EPSO;

— ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill, tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-Kumitat u tar-Reġjuni u tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi Uffiċċju għas-Selezzjoni tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 46)

([2]) Id-Deċiżjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarjat Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, u r-Rappreżentant tal-Ombudsman Ewropew tal-25 ta' Lulju 2002 dwar l-organizzazzjonijiet u l-ħidma tal-Uffiċċju għas-selezzjoni tal-persunal tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 48)

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2010 — Bloufin Touna Ellas Naftiki Etaireia et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-367/10)**

(2010/C 301/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Bloufin Touna Ellas Naftiki Etaireia (Ateni, il-Greċja), Chrisderic (St Cyprien, Franza), André Sébastien Fortassier (Grau D'Agde, Franza) (rappreżentanti: V. Akritidis u E. Petritsi, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 498/2010, tad-9 ta' Ġunju 2010, li jipprojbixxi l-attivitajiet tas-sajd għall-bastimenti li jistadu bil-"purse seines" li jtajru l-bandiera ta' Franza jew tal-Greċja jew li jkunu rreġistrati fi Franza jew fil-Greċja, u li jkunu qed jistadu għat-tonn fl-Oċean Atlantiku, fil-Lvant tal-lonġitudni 45°W, u fil-Mediterran ([1]);

— tordna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż kolha mwettqa mir-rikorrenti matul din il-proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jressqu tliet motivi.

Fl-ewwel lok, huma jsostnu li r-regolament ikkontestat kien adottat bi ksur tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 18 TFUE, li jipprojbixxi diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza u fl-Artikolu 40(2) TFUE li jipprojbixxi diskriminazzjoni bejn produtturi jew konsumaturi fis-settur agrikolu, kif ukoll bi ksur tal-prinċipju ġenerali tal-Unjoni Ewropea fis-sens tal-Artikolu 21(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni ddiskriminat fuq żewġ aspetti. L-ewwel nett, hija projbixxit attivitajiet ulterjuri ta' sajd tal-Greċja, Franza u Spanja ([2]) qabel tmiem il-perijodu tas-sajd, minkejja li madankollu, l-eżawriment mill-kwota Griega kien ħafna inqas minn dak ta' Spanja. It-tieni nett, filwaqt li l-Kummissjoni kienet informat lit-tliet Stati Membri tal-UE li l-attivitajiet tas-sajd kienu ser jintemmu, hija ppubblikat żewġ regolamenti vinkolanti dwar it-tmiem li kienu differenti, wieħed għal Greċja u Franza u t-tieni wieħed għal Spanja, li effettivament ippermetta lill-flotta Spanjola tkompli bis-sajd sat-tmiem il-perijodu tas-sajd. Ir-rikorrenti jsostnu li sa fejn jafu huma ma kien hemm ebda raġuni oġġettiva li tiġġustifika dan it-trattament differenti.

Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni kisret il-prinċipju ġenerali ta' proporzjonalità stabbilit fl-Artikolu 4(4) TFUE u l-Protokoll Nru 2 anness mat-Trattat u li huwa rikonoxxut fil-ġurisprudenza stabbilita bħala regola superjuri għall-protezzjoni tal-individwu. Fil-fehma tar-rikorrenti, il-Kummissjoni segħet tadotta miżuri iktar xierqa sabiex tiżgura l-konformità tal-Istati Membri tal-UE mal-iskema tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 ([3]) u tipprojbixxi li jsir sajd tat-tonn meta l-kwoti nazzjonali jkunu laħqu livell iktar kritiku, qrib il-100 %. Hija setgħet tipprojbixxi wkoll tali attività fl-istess data għal kull Stati Membru tal-UE kkonċernat.